bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Stephen Delceppo,
iben Dionisio, imwieled
Pieta' fil-21 ta' novembru,
1970

Illum, 18 ta' april, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli f'Marsaskala, fil-ġranet ta' qabel l-10 ta' mejju, 2000 ikkometta serq ta' oġġetti tad-deheb mill-fond 'Clanaville', Triq Patri Wistin Born, Marsaskala li l-valur tagħhom kien aktar minn Lm100 iżda ma kienx jeċċedi l-elf lira maltin għad-dannu ta' Claudio Caruana liema serq kien aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' april, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' april, 2001fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li d-derubati ġew imħallas il-valur tad-deheb li ġie misruq.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u iċ-ċirkostanżi kollha tal-każ. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.